

#25 sena fostna

# L-inkwatru tal-Lunzjata fil-Knisja Dumnikana tal-Birgu

**Joseph C. Camilleri**
*BA, DEAM, M.Ed (PI & Mgt)*

Waħda mill-knejjes ewlenin f'din il-belt marittima hija l-knisja ddedikata lil Marija Annunzjata. Maġenb din il-knisja hemm il-Kunvent tal-Patrijiet Dumnikani. Fl-1660 insibu polittiku li kien juri lill-Madonna bil-Bambin f'ħoġorha kif ukoll San Pawl, Santa Katarina, L-Arkanġlu Gabriel, Marija Annunzjata u x-xena tal-Kurċifissjoni[1]. Milli jidher fil-knisja tal-Lunzjata kien hemm xi problemi għaliex fit-23 ta' Ġunju 1638, l-Inkwiżitur Monsinjur Fabrio Chigi qiegħed l-ewwel ġebla tal-Knisja ġdida. Din tbierket mill-Isqof Giovanni Balaguer fit-3 t'Awwissu 1657. It-titular baqa' l-istess. Maż-żmien dan it-titular kien ġratlu xi ħsara rreparabbli u kellu jitbiddel. Dan seħħ fl-1864 grazzi ta' xogħol ta' Raffaele Caruana[2].



*Il-Kav. Emvin Cremona*

Fl-1940 Malta sabet ruħha f'ħalq in-nar. L-Italja kienet iddikjarat gwerra kontra l-Ingilterra. Malta bħala parti mill-Imperu Ingliż, kienet fil-qalba ta' baħar mimli inkwiet. Sqallija li kienet parti mir-Renju Taljan tinsab fuq Malta u taħt Malta kienet hemm l-Afrika ta' Fuq f'idejn l-armata Nażista. L-aqwa ċentri ta' attakki kienu l-postijiet ta' madwar il-Port il-Kbir fejn hemm it-Tarzna, post fejn kienu jissewwew il-vapuri militari tal-Ingliżi. Il-Birgu kien bieb ma' bieb ma' din l-intrapriża. Fid-19 ta' Jannar 1941, il-Knisja tal-Lunzjata u l-Kunvent tal-Patrijiet Dumnikani saru ħerba. Dan seħħ wara attakk mill-ajru[3].



Wara l-gwerra l-ħajja Maltija bdiet tiġi għan-normal. Il-Patrijiet Dumnikani ħasbu biex jibnu mill-ġdid sew il-Knisja tal-Lunzjata u sew il-Kunvent. Fis-27 ta' Lulju 1952 tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-knisja. Il-bini u l-armar kompla sejjer sa Awwissu 1960. Il-patrijiet bdew jaħsbu biex ikollhom titular ġdid. Il-patrijiet ikkummissjonaw lil Emvin Cremona. Il-flus ħarġuhom Lorenzo u Michaele Bezzina. Il-pittura tpoġġiet postha fil-31 ta' Lulju 1960.

## Il-pittura

F'dan ix-xogħol naraw lill-Madonna għarkupptejha fl-art. Din turi li l-Madonna ħarġet mill-art, bħal kull wieħed u waħda minna. Wiċċha qed iħares lejn l-art. Dan juri l-umiltà tal-Madonna. Il-Madonna liebsa libsa ħamra b'mantar abjad. Quddiemha hemm banketta b'skroll tal-Bibbja. Marija kienet qed taqra l-Bibbja. Quddiemha jidher anġlu bilwieqfa, liebes l-abjad b'mantar ikħal fuq dahru u f'idu jżomm ġilju. Id waħda qed tħares fuq u l-id oħra qed iżomm ġilju. Fil-qalba tal-kwadru hemm raġġ qawwi tad-dawl. Dan ir-raġġ ħiereġ minn ħamiema li tirrappreżenta lill-Ispirtu s-Santu. Taħt il-ħamiema hemm Kurċifiss. Dan hu pass qawwi għal Cremona, permess tal-Kurċifiss hemm il-messaġġ taż-żjara tal-Anġlu ġo kliem sempliċi l-fidwa tal-bniedem mill-jasar tad-dnub bdiet. Ġesù, permess l-Iva ta' Marija seta' jibda l-missjoni Tiegħu f'wiċċ id-dinja[4].

Cremona ħa l-idea ta' Burschi, jiġifieri daħħal sensiela ta' tarġiet. Hawn naraw oġġetti marbutin mad-dar kif ukoll max-xogħol tal-id. Fuq il-Madonna hemm hemm sensiela ta' anġli żgħar (puttini). Naraw ukoll tliet ħamimiet, bojod u waħda sewda. Fil-bogħod hemm xena tal-kampanja tat-Toskana (l-Italja)[5].

## Aspett artistiku

Carmel Galea Scannura jirreferi għal dan il-kwadru bħala 'ġojjell tal-arti'[6]. Galea Scannura jkompli jgħolli l-kwadru b'kliem: '...pittura

tassew maestika fil-bilanċ tad-dawl u fl-espressjoni artistika tagħha' [7]. Ma' dan il-kliem nixtieq inżid xi ħaġa. Emvin Cremona daħħal diversi elementi fl-inkwatru tal-Lunzjata. Is-salib kienet xi ħaġa ġdida. Is-simbolu hu wieħed qawwi, fejn l-artist qed jorbot it-Tħabbira tal-Anġlu mal-fidwa tal-bniedem. Il-bidu u l-qofol tal-fidwa tal-bniedem. Dan kollu kien possibbli minħabba l-Iva ta' din ix-xebba biex issir Omm Alla. Din l-idea ma kinetx għal kollox ġdida. Is-salib rajnieh fl-inkwatru ta' Francesco Zahra li jinsab fil-kor tal-Bażilika ta' Marija Bambina tal-Isla. Is-Salib ta' Cremona hu aktar qawwi, aktar u aktar meta fuqu hemm il-Ħamiema li hi s-simbolu tal-Ispirtu s-Santu.

It-Taraġ kien meħtieġ biex jimla. Il-kwadru hu wieħed kbir. Cremona mexa fuq il-passi ta' Domenico Bruschi u daħħal it-taraġ. Dan narawh fl-inkwatru tal-Lunzjata li jinsab fil-Katidral tal-Imdina. Bħal Bruschi juża t-taraġ biex juri aspetti differenti tal-Verġni Marija. Naraw xi oġġetti marbutin mal-ħajja tradizzjonali tal-mara, ix-xogħol tad-dar u oġġetti marbutin max-xogħol tal-id. Marija f'dan l-inkwatru qed tidher bħala mara Lhudija ta' żmienha. B'hekk naraw lil Marija minn mara Lhudija taħt il-ħakma ta' Ruma għal Marija lesta għall-missjoni tas-Salvazzjoni tal-bnedmin.

Fl-aħħar nett hemm ix-xena tal-kampanja tat-Toskana. Għaliex parti mill-Italja u mhux xi xena Maltija bħalma ngħidu aħna xena tal-Port il-Kbir? Jista' jagħti l-każ li Cremona kien influwenzat mill-elementi tal-puristi. Dawn kienu artisti li kienu jispiraw ruħhom minn Raffaele. F'Malta kellna lil Hyzler li ddomina x-xena artistika Maltija ta' żmienu.

Dan hu kwadru li fetaħ il-bibien lil Cremona fil-qasam tal-arti reliġjuża. Ħafna minn dawn l-ideat li naraw b'din it-Tħabbira tal-Anġlu, l-artist irrepetieh f'xogħlijiet oħra fejn tidħol il-Lunzjata. Qed nirreferi għall-pitturi li jinsabu fis-saqaf tal-Knejjes Parrokkjali ta' Ħal Balzan u Ħal Għaxaq.

## Referenzi

[1] Galea Scannura Carmel, 'Il-Lunzjata fil-Kottonera', Każin tal-Banda San Gabriel, Ħal Balzan, Festa ta' Marija Annunzjata, 2013, p 68.
[2] Op cit
[3] Op cit
[4] Terribile Tony, *Teżori fil-Knejjes Maltin, Il-Birgu u l-Isla*, PIN Malta, 2006 p. 87.
[5] Op cit
[6] Galea Scannura, op cit p. 69
[7] Op cit